

**Brussell, 20 ta' Novembru 2023
(OR. en)**

**13215/23
ADD 3**

**ECOFIN 902
FIN 937
UEM 250**

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	19 ta' Settembru 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 545 final
Suġġett:	ANNES tar-RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza: It-triq 'il quddiem

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 545 final ANNEX 2.

Mehmuż: COM(2023) 545 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 19.9.2023
COM(2023) 545 final

ANNEX 2

ANNEX

tar-

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza: It-triq 'il quddiem

Anness II — Treġġigħ lura tal-Istadji Importanti u l-Miri mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza

F'konformità mat-tieni sentenza tal-Artikolu 24(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 (“ir-Regolament RRF”) “[i]t-twettiq sodisfaċenti tal-istadji importanti u l-miri għandu jippresupponi li l-miżuri relatati ma’ stadji importanti u miri milħuqa preċedement b’mod sodisfaċenti ma jkunux treggighu lura mill-Istat Membru kkonċernat.” Din in-nota tipprovdi qafas għall-applikazzjoni ta’ dan id-disponiment. Tindirizza rakkomandazzjoni mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri¹ u tipprovdi ċarezza legali u trasparenza dwar il-proċess li għandu jiġi segwit f’każ ta’ treggighu lura, filwaqt li jiżgura l-implimentazzjoni kontinwa tal-RRF. Il-Kummissjoni tista’ tirreżamina u temenda din il-metodoloġija tul il-proċess ta’ akkumulu ta’ esperjenza fir-rigward tal-applikazzjoni tagħha.

1. Ambitu tat-treggighu lura

Ikun hemm treggighu lura ta’ stadju importanti jew mira meta stadju importanti jew mira li qabel kienu kkunsidrati b’mod korrett bħala mwettqa b’mod sodisfaċenti (u l-Istat Membru jkun tħallas) ma jistgħux jibqgħu jittqiesu bħala mwettqa b’mod sodisfaċenti.

Billi r-Regolament jirreferi għal nuqqas ta’ treggighu lura “*mill-Istat Membru kkonċernat*”, l-iskattar tal-Artikolu 24(3), it-tieni sentenza, ikopri biss treggighu lura li huwa imputabbli lill-Istat Membru, b’azzjoni jew b’ommissjoni². Din is-sitwazzjoni mhijiex neċessarjament ekwivalenti għal sitwazzjoni fejn l-istadju importanti jew il-mira sempliċiment ma jibqgħux imwettqa. Għaldaqstant, ir-Regolament ma jimplikax li l-istadji importanti u l-miri kollha jridu jinkisbu kontinwament matul il-ħajja tal-RRF, sabiex ma jittqisux bħala mreggħin lura. Minħabba dan, it-treggighu lura tal-istadju importanti jew tal-mira li mhumiex imputabbli lill-Istat Membru ma jittqiesx bħala bażi għall-iskattar tal-Artikolu 24(3) tar-Regolament RRF³.

L-imputabbiltà tal-Istat Membru tista’ tirriżulta minn azzjonijiet jew ommissjonijiet ta’ organi tal-Istat, korpi pubbliċi u imprezi pubbliċi oħra għajr il-gvern biss⁴.

¹Rapport Speċjali 07/2023: It-tfassil tas-sistema ta’ kontroll tal-Kummissjoni għall-RRF.

²Dan il-qari ta’ azzjoni mill-Istat Membru kkonċernat huwa appoġġat minn verżjonijiet lingwistiċi oħra tar-Regolament RRF. Pereżempju, fit-test Franċiż: *Le fait d’avoir atteint les jalons et cibles de manière satisfaisante présume que l’État membre concerné n’a pas annulé les mesures liées aux jalons et cibles précédemment atteints de manière satisfaisante.*

³Pereżempju, jekk diżastru naturali jeqred investiment fl-infrastruttura, filwaqt li l-istadju importanti jew il-mira jistgħu ma jibqgħux jittqiesu li twettqu b’mod sodisfaċenti, mhuwiex l-Istat Membru li kkawża dan it-treggighu lura. Bħala eżempju ieħor, jekk SME tidħol f’insolvenza wara li tirċievi sussidju, ma tkunx l-azzjoni jew in-nuqqas ta’ azzjoni tal-Istat Membru li jkun ikkawża dan.

⁴Pereżempju, jekk stadju importanti kien jeħtieġ id-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni u tqies bħala sodisfaċenti, jekk aktar tard il-leġiżlazzjoni tiġi annullata minn Qorti, dan jittqies bħala treggighu lura mill-Istat Membru fejn l-Istat Membru għandu jieħu azzjoni malajr biex jiżgura li tiġi adottata leġiżlazzjoni ġdida li tirrispetta r-rekwiżiti tal-istadju importanti.

Każijiet li għandhom jiġu distinti minn treġġiġh lura

In-nuqqas ta' Stat Membru li jimplementa l-passi sussegwenti ta' riforma jew investment ma jindikax, *prima facie*, treġġiġh lura ta' stadji importanti jew miri preċedement imwettqa b'mod sodisfaċenti iżda jista' jaffettwa t-twettiq sodisfaċenti ta' stadju importanti jew mira sussegwenti.

Jenħtieġ li bidla ta' riforma jew investment li xorta tissodisfa r-rekwiżiti tal-istadju importanti jew tal-mira relatati ma titqiesx bħala treġġiġh lura. F'dan ir-rigward, il-bidliet fl-elementi li mhumiex meħtieġa għat-twettiq sodisfaċenti tal-istadju importanti jew tal-mira rispettivi ma jistgħux ikunu bażi biex jiġi kkunsidrat stadju importanti jew mira mreggħin lura.

Fis-sitwazzjoni speċifika **fejn ksur tal-obbligu ta' protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni jirriżulta fit-treġġiġh lura ta' stadju importanti jew mira**, jenħtieġ li l-Istat Membru jieħu azzjoni biex jiżgura li l-istadju importanti jew il-mira jkunu għadhom qed jintlaħqu. Jekk l-Istat Membru jonqos milli jieħu tali azzjoni fi żmien raġonevoli, dan in-nuqqas jiskatta l-Artikolu 24(3), it-tieni sentenza, tar-Regolament RRF.

Treġġiġh lura ta' stadju importanti jew mira mill-Istat Membru huwa distint minn sejba (ex post) li l-evidenza sottostanti għal talba għall-pagament ma kinitx korretta. Sejba mill-Kummissjoni, pereżempju permezz tal-awditi *ex post* tagħha, li l-evidenza sottostanti għal talba għall-pagament ma kinitx korretta tfisser li l-istadju importanti jew il-mira ma kellhomx jitqiesu bħala sodisfaċenti mill-bidu nett. Għal każijiet bħal dawn, l-irkupri jsiru abbażi tal-Artikolu 19(2)(a) tal-Ftehim ta' Finanzjament.

Riskju ta' treġġiġh lura

Filwaqt li kemm l-investimenti kif ukoll ir-riformi jistgħu jitreggħu lura mill-Istat Membru, ir-riskju li Stat Membru jkun responsabbli għat-treġġiġh lura ta' stadju importanti/mira relatata ma' riforma huwa akbar milli għal investment. Ladarba investment ikun fis-seħħ u jkun ġie vvalutat bħala ssodisfat b'mod sodisfaċenti, huwa improbabli li l-Istati Membri jieħdu azzjoni biex ireġġgħu lura investment bħal dan. Dan huwa konformi mat-travaux préparatoires għal din id-dispożizzjoni, li ġiet introdotta fin-negozjati b'raġunament li jiżgura li r-riformi ma jitreggħux lura⁵.

2. Proċess biex jiġi identifikat it-treġġiġh lura

Matul il-valutazzjoni preliminari ta' kull talba għall-pagament, il-Kummissjoni se tqis jekk għandhiex xi evidenza li l-istadji importanti u l-miri treġġiġh lura mill-Istat Membru. Dan se jsir abbażi ta':

⁵Il-prinċipju ta' nuqqas ta' treġġiġh lura huwa marbut man-novità tal-RRF, li tiffinanzja r-riformi tal-Istati Membri, flimkien mal-investimenti. B'mod partikolari, din id-dispożizzjoni ġiet introdotta bil-loġika li l-impatt fit-tul tal-RRF huwa fil-biċċa l-kbira dipendenti fuq l-implimentazzjoni kontinwa tar-riformi, li jistgħu, minħabba n-natura u l-istabbiliment tal-proċess tat-tfassil tal-politika, jitreggħu lura, permezz ta' azzjonijiet kontradittorji oħra meħuda mill-Istat Membru.

1. *It-talba għall-pagament*: F'konformità mal-mudell tat-talba għall-pagament, jenħtieġ li l-Istati Membri jikkonfermaw lill-Kummissjoni ma' kull talba għall-pagament li l-istadji importanti u l-miri preċedentement imwettqa b'mod sodisfaċenti ma jkunux treggġu lura. Jekk l-Istat Membru ma jkunx ikkonferma dan (jew ikun ikkonferma b'mod espliċitu li l-istadji importanti jew il-miri treggġu lura), dan ikun skattatur għal investigazzjonijiet ulterjuri mill-Kummissjoni.
2. *Notifiki mill-Istat Membru*: F'konformità mal-Klawżola 2.2 tal-Arranġamenti Operazzjonali, l-Istati Membri huma meħtieġa jinnotifikaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe bidla fid-dokumentazzjoni identifikata fil-mekkaniżmu ta' verifika li fuqu tkun saret il-valutazzjoni, li tkun ta' natura materjali biex taffettwa tali valutazzjoni jew il-valutazzjoni tal-istadji importanti u l-miri futuri.
3. *Kwalunkwe evidenza addizzjonali li l-Kummissjoni tista' tikseb*: Il-Kummissjoni tista' tkun konxja permezz ta' sorsi alternattivi (pereżempju, is-Semestru Ewropew, l-informazzjoni tal-partijiet ikkonċernati jew l-awditi *ex post*) ta' evidenza li l-istadji importanti u l-miri preċedentement milħuqa b'mod sodisfaċenti treggġu lura mill-Istat Membru.

Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, jekk fit-talba għall-pagament tiegħu l-Istat Membru jikkonferma li l-miżuri relatati mal-istadji importanti u l-miri preċedentement imwettqa b'mod sodisfaċenti ma jkunux treggġu lura u l-Kummissjoni ma jkollhiex evidenza għall-kuntrarju, dan jiġi kkonfermat lill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju fil-valutazzjoni preliminari tat-talba għall-pagament rilevanti.

Jekk il-Kummissjoni tqis li stadju importanti jew mira li qabel kienu meqjusa bħala mwettqa b'mod sodisfaċenti *setgħu* treggġu lura mill-Istat Membru, f'konformità mal-Artikolu 6(4) tal-Ftehim ta' Finanzjament, il-Kummissjoni tista' titlob informazzjoni supplimentari u twettaq verifiki jew kontrolli fuq il-post sabiex tiddetermina jekk seħx treggġi lura mill-Istat Membru.

3. Implikazzjonijiet ta' treggġi lura imputabbli lill-Istat Membru

F'konformità mal-Artikolu 24(3) tar-Regolament RRF, f'każ li l-Kummissjoni tqis li miżura relatata ma' stadju importanti jew mira preċedentement imwettqa b'mod sodisfaċenti tkun treggġet lura mill-Istat Membru, l-ebda stadju importanti jew mira ulterjuri ma titqies bħala mwettqa b'mod sodisfaċenti, sakemm jiġi indirizzat it-treggġi lura.

Stat Membru jista' jindirizza treggġi lura ta' stadju importanti jew mira billi jieħu azzjoni biex jiżgura li l-istadju importanti jew il-mira jergġu jitqiesu bħala mwettqa b'mod sodisfaċenti.

F'każ li l-Istat Membru ma jiħux azzjoni, il-Kummissjoni għandha tindirizza treggġi lura ta' stadju importanti jew mira billi tqiegħed il-baġit tal-Unjoni fl-istess pożizzjoni daqslikieku dak l-istadju importanti jew il-mira qatt ma kienu tqiesu bħala mwettqa b'mod sodisfaċenti.

Il-Kummissjoni se tindirizza t-treggġi lura billi tissospendi l-pagament ta' fondi mit-talbiet sussegwenti għall-pagament. Dan se jirriżulta f'sospensjoni – u, jekk ma tittieħed l-ebda azzjoni fi żmien 6 xhur, fi tnaqqis – ta' ammont ugwali għall-ammont riċevut mill-Istat Membru li jista' jiġi imputat għall-istadju importanti jew għall-mira li treggġet lura. Il-Kummissjoni se tuża l-metodoloġija ta' sospensjoni parzjali għal dan l-għan, kif spjegat fl-

Anness II tal-Komunikazzjoni “*Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza: Sentejn wara, Strument uniku fil-qalba tat-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali tal-UE*”⁶ tal-21 ta’ Frar 2023.

F’konformità mal-metodoloġija ta’ sospensjoni parzjali, biex jiġi żgurat l-użu effettiv tal-fondi tal-RRF u jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, in-nuqqas ta’ twettiq tal-istadji importanti jew tal-miri relatati mas-sistema ta’ awditjar u kontroll ta’ Stat Membru li kienu meħtieġa għall-konformità mal-Artikolu 22 tar-Regolament RRF iwassal għas-sospensjoni tal-pagament parzjali sħiħ u l-pagamenti parzjali futuri kollha. Skont l-istess approċċ, f’każ li tregġiġh lura jikkonċerna tali stadji importanti jew miri, l-ebda stadju importanti jew mira oħra ma titqies bħala mwettqa b’mod sodisfaċenti sakemm it-tregġiġh lura jkun ġie rettifikat mill-Istat Membru.

4. Qafas legali u proċedura f’każ ta’ tregġiġh lura imputabli lill-Istat Membru

F’konformità mal-Artikolu 24(3) tar-Regolament RRF, il-Kummissjoni se tqis it-tregġiġh lura potenzjali, meta tivvaluta t-talbiet għall-pagament li ġejjin ippreżentati mill-Istat Membru kkonċernat.

L-Artikolu 24(6) tar-Regolament RRF jikkonċerna l-każ fejn il-valutazzjoni preliminari tal-Kummissjoni tistabbilixxi li l-istadji importanti u l-miri ma jkunux twettqu b’mod sodisfaċenti. Din id-dispożizzjoni hija applikabbli wkoll f’każ fejn il-miżuri relatati mal-istadji importanti u l-miri preċedentement imwettqa b’mod sodisfaċenti jkunu tregġiġh lura mill-Istat Membru kkonċernat, billi, anki f’dak il-każ, dawn l-istadji importanti jew il-miri ma jistgħux jibqgħu jittqiesu bħala mwettqa b’mod sodisfaċenti.

Billi l-miżura relatata mal-istadju importanti jew mal-mira tiġi vvalutata bħala li ma għadhiex imwettqa b’mod sodisfaċenti, il-Kummissjoni se ssegwi l-proċedura tal-Artikolu 24(6) dwar valutazzjoni preliminari negattiva.

Proċedura:

- L-ewwel nett, il-Kummissjoni se tinforma lill-Istat Membru li stadju importanti jew mira jiġu vvalutati bħala li ma għadhomx imwettqa b’mod sodisfaċenti. Ir-raġunijiet għall-valutazzjoni preliminari negattiva se jiġu spjegati b’mod komprensiv lill-Istat Membru. It-tieni, l-Istat Membru jista’ jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu fi żmien xahar mill-valutazzjoni tal-Kummissjoni. It-tielet, f’każ li l-osservazzjonijiet tal-Istat Membru kkonċernat ma jkunux biżżejjed biex ibiddlu l-valutazzjoni preliminari negattiva, il-Kummissjoni se tadotta deċiżjoni ta’ sospensjoni. Fl-aħħar nett, f’konformità mal-Artikolu 24(6), it-tieni subparagrafu, f’każ li l-Istat Membru ma jsolvix it-tregġiġh lura billi jieħu azzjoni biex jiżgura li l-istadju importanti jew il-mira rilevanti jkunu jistgħu jiġu vvalutati bħala mwettqa b’mod sodisfaċenti f’perjodu ta’ 6 xhur mis-sospensjoni, il-Kummissjoni se ttipproċedi għal tnaqqis tal-fondi, f’konformità mal-Artikolu 24(8) tar-Regolament RRF.

⁶ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52023DC0099&qid=1695126900117>

- Sabiex jiġi stabbilit l-ammont li għandu jiġi sospiż, il-Kummissjoni se tikkalkula l-valur tal-istadju importanti jew tal-mira li jkunu treggġghu lura mill-Istat Membru kkonċernat u, għaldaqstant, ma jkunx jista' jibqa' jitqies bħala mwettaq b'mod sodisfaċenti, bl-użu tal-metodoloġija ta' pagament parzjali⁷.
- B'mod parallel, il-Kummissjoni se tipproċedi bil-valutazzjoni preliminari tagħha tat-twertiq b'mod sodisfaċenti tal-istadji importanti u l-miri tat-talba għall-pagament u se tipprovdi s-sejbiet tagħha lill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju.
- Bl-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' sospensjoni, il-Kummissjoni se ssolvi t-treggġiġh lura, billi tiżgura li l-baġit tal-Unjoni jkun protett billi jkun fl-istess pożizzjoni daqslikieku ma jkun sar l-ebda pagament għall-istadju importanti jew il-mira mreggġghin lura. Minħabba li, wara s-sospensjoni, ma jiġi allokat l-ebda fond lill-Istat Membru għall-ebda stadju importanti jew mira li ma tkunx twettqet b'mod sodisfaċenti, it-treggġiġh lura jitqies solvut, f'konformità mal-Artikolu 24(3) tar-Regolament RRF. Imbagħad, il-Kummissjoni tkun tista' tivvaluta l-istadji importanti u l-miri tat-talba għall-pagament u tawtorizza l-iżborż korrispondenti tal-pagament parzjali tal-kontribuzzjoni finanzjarja jew tas-self (bl-esklużjoni tal-ammont li kien sospiż minħabba t-treggġiġh lura⁸).

Treggġiġh lura barra mill-kuntest ta' talba għall-pagament

Meta l-Kummissjoni ssir taf bi treggġiġh lura barra mill-kuntest ta' talba għall-pagament, is-servizzi tal-Kummissjoni mhux se jistennew sakemm titressaq it-talba għall-pagament li jmiss u se jidħlu minnufih fi djalogu tekniku mal-Istat Membru kkonċernat biex jistabbilixxu jekk seħħx treggġiġh lura. Wara dan id-djalogu tekniku, f'każ li daww l-ispjegazzjonijiet jikkonfermaw ir-riskji ta' treggġiġh lura, jenħtieġ li l-Kummissjoni tinforma lill-Istat Membru bil-miktub li l-Kummissjoni tqis li seħħ (jew seta' seħħ) treggġiġh lura u titlob għal osservazzjonijiet fi żmien xahar. Tali valutazzjoni barra mill-proċedura ta' talba għall-pagament tipprovdi ż-żmien massimu lill-Istat Membru biex jindirizza t-treggġiġh lura. F'dan ir-rigward, l-Istat Membru jkun jaf il-fehmiet tal-Kummissjoni u sakemm ma jiħux azzjoni korrettiva qabel it-talba għall-pagament li jmiss, parti mill-pagament li jmiss tiġi sospiża f'konformità mal-proċedura msemmija hawn fuq.

⁷F'konformità ma' dik il-Komunikazzjoni, il-valur massimu ma jistax jaqbeż l-ammont sħiħ tal-pagament(i) parzjali li jkun fih(om) stadji importanti mreggġghin lura, ħliel fil-każ li ma jitwettqux l-istadji importanti u l-miri relatati mas-sistema ta' kontroll ta' Stat Membru.

⁸Jekk ikun meħtieġ, l-ammonti jiġu sospiżi wkoll minn talbiet għall-pagament sussegwenti jekk l-ammont tal-pagament parzjali għat-talba għall-pagament li tkun għaddejja jkun inqas mill-valur li jenħtieġ li jiġi sospiż.

Appendiċi: Dispożizzjonijiet Legali

L-Artikolu 24(3) tar-Regolament RRF:

Il-Kummissjoni għandha tivvaluta fuq bażi preliminari u mingħajr dewmien żejjed, u sa mhux aktar tard minn xahrejn mill-wasla tat-talba, jekk l-istadji importanti u l-miri rilevanti stabbiliti fid-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill imsemmija fl-Artikolu 20(1) ġewx imwettqa b'mod sodisfaċenti. It-twettiq sodisfaċenti tal-istadji importanti u l-miri għandu jippresupponi li l-miżuri relatati ma' stadji importanti u miri milħuqa preċedentement b'mod sodisfaċenti ma jkunux treġġgħu lura mill-Istat Membru kkonċernat.

L-Artikolu 6(4) tal-Ftehim ta' Finanzjament:

Il-Kummissjoni tista' titlob informazzjoni supplimentari u/jew twettaq verifiki u kontrolli fuq il-post biex tivverifika t-tlestija tal-istadji importanti u l-miri, inkluż dwar in-nuqqas ta' treġġiġh lura tal-istadji importanti u l-miri mwettqa preċedentement b'mod sodisfaċenti.

Il-Klawżola 2.2 tal-Arranġamenti Operazzjonali:

[...] F'konformità mal-Artikolu 24(3) tar-Regolament RRF, it-twettiq sodisfaċenti tal-istadji importanti u l-miri għandu jippresupponi li l-miżuri relatati ma' stadji importanti u miri mwettqa preċedentement b'mod sodisfaċenti ma jkunux treġġgħu lura mill-Istat Membru. [L-Istat Membru] għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bi kwalunkwe bidla fid-dokumentazzjoni identifikata fil-mekkaniżmu ta' verifika fl-Anness I li fuqu tkun saret il-valutazzjoni, li tkun ta' natura materjali biex taffettwa tali valutazzjoni jew il-valutazzjoni tal-istadji importanti u l-miri futuri.

Ittra ta' talba għall-pagament mill-Istat Membru:

Aħna nikkonfermaw li l-miżuri relatati mal-istadji importanti u l-miri preċedentement imwettqa b'mod sodisfaċenti ma treġġgħux lura.